MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 68/8

It-Tlieta 29 ta` Marzu 2022

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' online permezz tas-sistema ZOOM fis-sitta ta` filghaxija (6:00pm). Il-Laqgha giet mxandra fuq il-pagna tal-facebook tal-Kunsill.

**PREŻENTI:**

Dr. Marija Sara Vella – Sindku
John Mary Calleja – Vici Sindku
Marija Micallef – Kunsilliera
Stefan Caruana – Kunsillier
Mark Anthony Sammut – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Nil

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

**AĠENDA**

068.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

068.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti ( 65/8 [15/02/2022], (66/8 [21/02/2022]), (67/8 [24/02/2022])

068.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

068.4 Rapport Finanzjarju ta` Kull Kwart tas-Sena (Jan-Dic 2021);

068.5 Business Plan 2022-2024;

068.6 Europe for Citizens Project: YOUNITED;

068.7 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

068.8 Rapporti;

068.9 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;
a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress
c. Ġnien Raymond Caruana – progress
d. Mizura 4.4: Hitan tas-Sejjieh

068.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

068.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

## Minuti

### Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku qalet li bi qbil bejn il-kunsilliera laqgha giet skedata li tibda fil-hamsa u nofs ta` filghaxija.

Is-Sindku Dr. Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-sitta neqsin ghoxrin ta` filghaxija (5:40pm) wara talba qasira minn dawk kolliha preżenti.

### 068.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li kulhadd kien prezenti ghalhekk ma kienx hemm zewg ittri ta` Apologija.

Is-Sindku għan-nom tal-Kunsill Lokali tal-Gudja awgurat lill-kunsillier MA Sammut tar-rizultat tajjeb li kiseb fl-elezzjoni gerenali u rringrazzjatu tax-xoghol siewi li tah f`dawn is-snin iservi bhala kunsillier fil-Kunsill Lokali tal-Gudja. Is-Sindku awgurat lis-Sur MA Sammut kull success fil-kariga l-gdida tieghu.

Il-Kunsillier MA Sammut rringrazzja lil membri tal-Kunsill kollha, haddiema u s-Segretarji Ezekuttivi li hadem maghhom matul is-snin kollha li serva bhala kunsillier mall-Kunsill Lokali tal-Gudja. Is-Sur Sammut kompla jghid li huwa ser jkompli jghin fejn ikun hemm bzonn ghall-gid tal-Gudja u l-Gudjana kollha.

**068.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti ( 65/8 [15/02/2022], (66/8 [21/02/2022]),(67/8 [24/02/2022])**

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 65/8, 66/8 u 67/8 nem con.

**068.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

068.3.1 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-laqgha li kienet saret mar-residenti dwar ix-xoghlijiet ta` Triq Santa Katerina u Triq id-Dejqa, fejn l-perit tal-Kunsill ma attendiex ghal din il-laqgha. Is-Sindku ziedet tghid li l-Kunsill qed jistenna direzzjoni mill-perit dwar il-bankina fi Triq Santa Katerina.

068.3.2 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-attivita li ser titella` nhar il-11 ta` April u l-inawgurazzjoni tal-wirja tas-slaleb li ser isir il-Hadd 10 ta` April, fejn talbet sabiex jigi mistieden il-President tar-Regjun, Ministru u Segretarju Parlamentari tal-Kunsilli Lokali. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

068.3.3

068.3.4 Is-Sindku proponiet sabiex l-ghaqdiet tal-lokalita jarmaw it-toroq bis-slaleb ghal zmien il-Gimgha Mqaddsa. It-toroq huma Triq il-Kbira, Triq Raymond Caruana u Triq San Ciru.

068.3.5 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-grupp ta` hames zghazagh li marru gewwa Spanja ghall-Youth Exchange li saret f`Santiago de Compostela, fejn kienet esperjenza tajba ghal dawn iz-zghazagh.

068.3.6 Is-Sindku infurmat lil dawk prezenti li xoghlijiet fit-trinek li kellhom isiru fil-Gnien R.Caruana kienu lesti u li ghad fadal biss li jitghaddew il-cables biex tinxtghel l-ahhar parti ta` Gnien R.Caruana.

068.3.7 Is-Sindku talbet sabiex jinxtraw tlett bankijiet godda ghas-soft area fi Triq il-Palazz. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

068.3.8 Is-Sindku talbet sabiex fi Triq Hal-Resqun (l-parti l-gdida li nfethet) tigi nstallata mera.

Is-Sindku ghamlet referenza ghall-cctv camera li trid isir fi Triq il-Kbira. Is-Sindku proponiet sabiex il-camera issir fejn il-kazin tal-football. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

068.3.9 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-lampa li hemm mwahhla mall-Palazz ta` Bettina fejn qalet li kienet inbidlet biss il-parti ta` barra u saret LED. Il-Kunsill qabel li din tinbidel ghal fanal ta` cast iron peress li qieghed mwahhal ma` binja ta` Palazz.

68.3.10 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-attivita li ser titella` relatata mall-World Book Day, fejn launching tal-attivita ser isir nhar it-Tnejn 25 ta` April 2022 fil-Librerija Pubblika.

68.3.11 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-Kunsill ghamel l-applikazzjoni ghal zebra cross fi Triq il-Kbira.

68.3.12 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-korsijiet li ser isiru ta` Aqra Mieghi gewwa Centru Parrokjali li ser jibdew mill-Hamis 7 ta` April 2022.

68.3.13 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-korrispondenza li l-Kunsill ircieva dwar maratona li ser tghaddi mill-Gudja nhar il-Hadd 24 ta` April 2022. Il-Kunsill talab sabiex tintbghat ir-rotta u l-permessi li ngiebu qabel ma tinghata no objection mill-Kunsill.

68.3.14 Giet prezentata korrispondenza li waslet ghand il-Kunsill minghand residenta li toghqod fi Triq Pawlu Mallia dwar ilma li qed jidhol fil-garaxx taghha konsegwenza tal-katusa li hemm taht il-bankina. Is-Sindku tablet sabiex nghaddu din il-korrispondenza lill-perit tal-Kunsill.

68.3.15 Is-Sindku ghamlet referenza ghar-rapport li sar mill-perit tar-resident li saritlu xi hsara fix-xorok tar-residenza tieghu meta kienu qed isiru xoghlijiet fi Triq Santa Katerina. Is-Sindku proponiet li l-Kunsill jhallas ghal din il-hsara u dawk prezenti qabblu unanimament.

68.3.16 Giet prezentata SPI.SCI.3.2022 Skema dwar Restawr ta` Postijiet/Monumenti Storici f`Malta 2022/2023 fejn is-Sindku proponiet li l-Kunsill japplika ghall-aktar parti li hemm bzonn isir restawr fil-Kapella ta` Loretu. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

68.3.17 Is-Sindku ghamlet referenza ghat-talba sabiex isir sleeping policeman f'Wesgha Anglu Dalli. Dawk prezenti qabblu li l-Kunsill japplika ma` Transport Malta.

Is-Sindku ghamlet referenza sabiex jigi installat kontenitur sabiex wiehed ikun jista` jidisponi

68.3.18 minn zejt uzat. Is-Sindku proponiet li dan jigi nstallat fejn l-bin tal-hwejjeg fi Triq tax-Xlejli (fuq il-gibjun) Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**Rapport Finanzjarju ta` Kull Kwart tas-Sena (Jan-Dic 2021)**

**068.4** Dan l-item ma giex diskuss.

**Business Plan 2022-2024**

**068.5** Dan l-item ma giex diskuss.

**Europe for Citizens Project: YOUNITED**

**068.6** Dan l-item ma giex diskuss.

**Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**068.7** Il-Vici Sindku talab sabiex jinqghata l-haxix ta` Triq Hal-Tarxien. Is-Sindku qalet li jkun ahjar li

068.7.1 nitkellmu mall-Ministeru kkoncernat sabiex dan ix-xoghol ikun jista` jsir.

068.7.2 Il-Vici Sindku ghamel referenza ghall-unloading tal-pjazza fejn talab sabiex din tigi riveduta u nitolbu l-parir ta` TM.

**068.8 Rapporti**

Dan l-item ma giex diskuss.

**068.9 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. **Triq iż-Żebbuġa – progress**
b. **Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress**
c. **Ġnien Raymond Caruana – progress**
d. **Mizura 4.4: Hitan tas-Sejjieh**

Dan l-item ma giex diskuss.

**068.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Dan l-item ma giex diskuss.

**068.11 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-Seduta li jmiss**

Il-Laqgha ntemmet fis-sitta u nofs ta` filghaxija (6.30pm). Is-Sindku talbet il-kontinwazzjoni tal-Laqgha nru 68 tkompli t-Tnejn 4 ta` April 2022 fil-hamsa ta` filghaxija (5:00pm).

Konfermati, illum it- Tlieta 26 ta' April 2022

ffirmati
Dr. Marija Sara Vella
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv